# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU 2898

**Kaz Nru : 3752/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Reginald Heraghty**

**(K.I. 34848M)**

**U**

**Fexserv Financial Services Ltd**

**(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Reginald Heraghty li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-26 ta' April, 2019. Matul is-smigh tal-kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Frank Cassar u s-socjeta kienet raprezentata mis-Sur Joseph Attard li kien assistit mill-Avv. Charlotte Camilleri u mill-Avv. Reuben Farrugia.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien jahdem bhala Courier representative mas-socjeta ntimata u kien ilu jahdem maghha mill-1 ta' Settembru, 2009.**

**Huwa jghid ukoll li fit-22 ta' Marzu, 2019 l-impjieg tieghu gie mitmum hesrem u minghajr ma gie moghti l-ebda raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li nhar it-22 ta' Marzu, 2019 is-Sur Joseph Attard li jokkupa l-grad ta' General Manager mas-socjeta ntimata sejjahlhu fl-ufficcju u talbu c-cwievet tal-ufficcju u tal-karozza tal-kumpanija u qallhu li l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat.**

**Huwa jghid ukoll lil meta talbu ghall-liema raguni kien qed jigi mkecci, is-Sur Attard sempliciment wiegbhu li kien qed jirringrazzjah ghax-xoghol siewi li kien ghamel u qallu wkoll li s-servizzi tieghu ma kienux aktar mehtiega u li lanqas kien intitolat ghan-notice money.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li s-socjeta ntimata kienet timpjega zewg Courier Representatives ohra, imma huwa kien l-aktar wiehed li kellu seniority u ghaldaqstant iqies li peress li hu kien se jkun l-ewwel wiehed li se jigi mkecci din it-tkeccija kienet ingusta.**

**Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li wara li tkecca ircieva minghand il-JobsPlus li d-dokument tat-terminazzjoni ta' l-impieg kien**

**hemm indikat li huwa rrizenja mill-impjieg ghar-raguni li kien pensjonant u dan minkejja li s-socjeta ntimata kienet hi li kecciethu mill-impjieg.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li din l-ipokrezija tas-socjeta ntimata tohrog aktar fid-deher meta jigi kkunsidrat illi meta huwa gie mpjegat mas-socjeta ntimita huwa diga kien pensjonant u ghaldaqstant il-fatt li hu pensjonant zgur li mhix ir-raguni valida ghat-tkeccija tieghu.**

**Huwa jghid ukoll, li kien hemm impjegat iehor fil-grad tieghu li kien jismhu Joe Azzopardi u dan kien ukoll gie mpjegat mas-socjeta ntimata meta diga kien pensjonant u gie mpjegat warajh pero ghalkemm kien pensjonant ukoll l-impjieg tieghu ma kienx gie terminat.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li wara li gie terminat l-impjieg tieghu, s-socjeta mpjegat haddiem iehor minflokhu.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jitlob lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet vendikattiva u ngusta u mhux gustifikata fil-Ligi.**

**Ir-rikorrenti jitlob lit-Tribunal Industrijali sabiex jillikwida danni sofferti minnhu u jitlob li jigi moghti kumpens ta' tnejn u sebghin elf Ewro (€72,000) li jirraprezentaw hames snin paga.**

**Huwa jitlob ukoll lit-Tribunal Industrijali sabiex jghatih kull provvediment iehor xieraq, ekwu u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz u kull spiza tigi mhallsa mis-socjeta ntimata.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 36 (14) tal-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industriali (kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) il-principal jista' jtemm l-impjieg ta' impjegat meta l-impjegat jilhaq l-eta tal-pensjoni kif imfisser fl-Att dwar is-Sigurta Socjali.**

**Hija tghid ukoll, li ma hemm l-ebda dubju li r-rikorrent lahaq l-eta ta' l-irtirar kif indikat fin-numru tal-karta tal-identita tieghu li hija 34848 (M).**

**Is-socjeta tkompli tghid, li f'Dicezjoni numru 2236 tal-Onorabbli Tribunal Industrijali fil-Kaz Christinus Harvey vs British High Commision Malta rigward allegat tkeccija ngusta, l-Onorabbli Tribunal ddecieda li : "To this Tribunal, the law provides no further security of tenure of employment when an employee reaches his or her retiring age. Obviously, someone who is going to be employed after attaining the retiring age (as in the case in point) one can provide for the security of tenure of employment by positively putting it down in the engagement contract, whereby the contract would prevail. But in cases where no security of tenure is provided for in the contract of employment, such security is not automatic at law with respect to employees who have already attained their age of retirement. Therefore in this particular**

**case, Claimant cannot claim a right of security of tenure from the general provisions of law, and having no such specific provision in his letter of appointment, then his engagement could be terminated at any time".**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn titlob bir-rispett lil Onorabbli Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 36 (14) u tichad t-talbiet tar-rikorrenti.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti gie mpjegat mas-socjeta ntimata fil-1 ta' Settembru, 2009 fil-grad ta' Courier Represtentative u l-kuntratt ta' l-impieg tieghu kien wiehed indefenit. Mill-provi jirrizulta wkoll, li fid-data li r-rikorrenti gie mpjegat huwa kellu l-eta ta' 61 sena u kien diga rtirat u bil-pensjoni.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta saret it-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti fit-22 ta' Marzu, 2019 huwa kellu l-eta ta' 71 sena.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Sur Joseph Attard li jokkupa l-kariga ta' General Manager mas-socjeta ntimata. Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li r-rikorrenti kien ilu jahdem mas-socjeta ntimata madwar ghaxar snin u x-xoghol tieghu kien ta' Courier fejn fost id-doveri tieghu kien li jiehu hsieb jgbor il-hlasijiet li minnhom kien ikun hemm flus kontanti.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li kien hemm zewg persuni ohra li kienu jghamlu l-istess xoghol tar-rikorrenti u wiehed minnhom dahal wara r-rikorrenti pero ma kienx cert jekk l-iehor kienx diga jahdem mal-Grupp.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li r-rikorrenti qatt ma kellu kazijiet ta' dixxiplina u jikkonferma wkoll ittra fejn kienet tfahhar ix-xoghol tar-rikorrenti u li gie moghti zieda ta' mitejn Ewro fix-xahar.**

**Huwa jghid ukoll, li meta r-rikorrenti gie mwaqqaf mill-impjieg iz-zewg haddiema l-ohra komplew jahdmu mas-socjeta ntimata bhala Couriers u meta mpjegat iehor li huwa Joseph Azzopardi lahaq l-eta tal-pensjoni nzamm fl-impjieg.**

**Is-Sur Attard jikkonferma fix-xhieda tieghu li ma kienx ir-rikorrenti li rrezenja mill-impjieg imma kienet is-socjeta ntimata li tterminat l-impjieg tieghu.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li r-raguni li kien ta' lir-rikorrenti ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet li hadu parir mill-Malta Employers Association dwar x'ghandu jsir biex jitterminaw haddiem li kellu aktar mill-eta ta' l-irtirar u li kien gie mpjegat meta diga kien iritrat bil-pensjoni. Huwa jghid ukoll, li l-parir li kellhom kien li jistghu jitterminawlhu l-impjieg u ma kienx hemm il-htiega li jghatu raguni u lanqas li jghatu notice.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li wara kien kellem lir-rikorrenti fejn infurmah li l-impjieg tieghu kien se jigi terminat u gie tterminat l'impjieg tieghu f'dik il-gurnata stess. Huwa jkompli jghid, li jekk jiftakar sewwa fil-bidu ir-rikorrenti ma riedtx li jiffirma t-termination form, imma aktar tard kellu bzonn xi karti minhabba l-Labour Office u dawn il-karti gew iffirmati aktar tard.**

**Ix-xhud ikompli jghid, li r-rikorrenti ma kienx gie mhallas in-notice money ghax fil-fehma tieghu ma kienx intitolat ghalih u jikkonferma wkoll li xi zmien wara kien gie mpjegat haddiem iehor fl'istess xoghol li kien jghamel ir-rikorrenti.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Sur Joseph Farrugia li jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali tal-Malta Employers Association. Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li kien hemm okkazzjonijiet fejn ta' pariri lill membri ta' l-Organizazzjoni meta jigi mitlub li fil-kaz ta' impjegat li jasal fl'eta ta' l-irtirar skond il-Ligi jista jigi terminat l-impjieg tieghu.**

**Fix-xhieda tieghu jghid ukoll, li meta haddiem li jkun gie mpjegat li diga kien fl'eta tal-pensjoni l-prassi hija, li minn ihaddem jista jwaqqaf lill impjegat minghajr ma jghati raguni u lanqas jigi moghti xi forma ta' notice jigifieri jista minn ihaddem iwaqqaf lill impjegat hesrem kif ukoll anke l-istess impjegat jista jieqaf mix-xoghol minghajr ma jghati avviz lill minn ihaddmu u jieqaf mix-xoghol hesrem.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ir-rikorrenti fejn jghid, li huwa beda l-impjieg mas-socjeta Fexco Financial Services (Malta) Ltd permezz ta' Kuntratt ta' Servizz indefenit b'effett mill-1 ta' Novembru, 2009 u gie mpjegat fil-grad ta' Courier Representative u meta beda l-impjieg huwa kien diga pensjonant u kellu l-eta ta' 61 sena.**

**Huwa jghid ukoll, li kien jahdem erbghin siegha fil-gimgha u x-xoghol ta' Courier Representative kien jikkonsissti li jigbor hlasijiet minghand diversi entitajiet u individwi. Huwa jkompli jghid, li n-numru ta' Courier Representatives kien ta' tlett haddiema u hu kien l-ewwel wiehed fosthom li kien gie mpjegat.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li matul l-impjieg tieghu mas-socjeta ntimata huwa kien jghaqdi d-doveri tieghu bl'aktar reqqa u qatt ma kien suggett ghal xi kazi ta' dixxiplina u jghid ukoll li sentejn qabel ma gie terminat l-impjieg tieghu kien ircieva ittra datata 12 ta' Ottubru, 2017 minghand il-management fejn is-salarju tieghu gie mizjud ghal €14,000 fis-sena u l-management irringrazzjah ghax-xoghol impekkabbli tieghu u ghal kontribut li ghamel lejn is-success tal-kumpanija.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li fil-qghadi ta' dmirijiethu dak li jigbor il-hlasijiet, kien ikun hemm anke flus kontanti u l-ammont kien ikun konsiderevoli li gieli pagament wiehed kien ikun jammonta ghal ghaxart t'elef ewro.**

**Huwa jghid ukoll, li ghalkemm gieli kienu jkunu zewg persuni flimkien biex jigbru l-flus pero hafna drabi kien ikun wahdu.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li kien jgbor ammont konsiderevoli ta' flus kontanti u dwar dan kien jilmenta mal-management sabiex ikollhom certu sigurta u jsemmi li fost is-sigurta li kien talab kien li vicin l-ufficcju jkun hemm spazju ghal parking sabiex ikun vicin l'ufficcju meta jgbor il-flus.**

**Huwa jghid ukoll, li ghalkemm il-management kien gab il-permessi necessarji pero meta kien jasal l'ufficcju dan l'ispazju kien isibu okkupat minn vetturi ohra.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li jahseb ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l'impjieg tieghu kienet ghax kien jghamel dawn l'ilmenti lill-management fuq is-sigurta.**

**Huwa jghid ukoll, li jahseb li din kienet ir-raguni ghal fatt li qabel ma gie terminat l'impjieg tieghu kien se jsir Compliance Meeting, li din hija forma ta' Konferenza fejn jigu mistiedna kelliema li jinkludu anke kelliema mill-Korp tal-Puluzija u fost is-suggetti li jigu ttratti jkun hemm bhal hasiel ta' flus u fuq is-sigurta.**

**Huwa jkompli jghid, li peress li kien jghamel l-ilmenti msemmija lill management specjalment fuq is-sigurta, jahseb li l-management haseb**

**li kien se jghamel mistoqsijiet lil kelliema li jindirizzaw il-laqgha fuq dawn is-suggetti.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li fit-22 ta' Marzu, 2019 gie msejjah l'ufficcju tal-General Manager Joseph Attard u nfurmah li l'impjieg tieghu kien qed jigi terminat.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li staqsa lis-Sur Attard jekk kienx ghamel xi haga hazina u dan irrispondih li ma kien hemm xejn hazin. Ir-rikorrnti jkompli jghid, li staqsa lis-Sur Attard ghal-liema raguni kien qed jigi tterminat hu u mhux haddiehor meta hu kien impjegat qabel il-haddiema l-ohra kif ukoll, li wiehed minn dawn il-haddiema kien ukoll pensjonant.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li s-Sur Attard qallhu li jista jittermina l'impjieg tieghu u staqsa lis-Sur Attard jekk kienx se jigi moghti avviz tat-terminazzjoni ta' l-impjieg u dan wiegbu li ma kienx se jigi moghti l-ebda avviz tat-terminazzjoni tal-impjieg u l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat dak il-hin stess.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu giet konfermata permezz ta' ittra ffirmata mill-General Manager is-Sur Joseph Attard li kienet datata 22 ta' Marzu, 2019 u li tghid "This is to confirm that your employment with the company has been terminated as of today 22nd March 2019. We thank you for your services to this organisation and wish you well for the future".**

**Huwa jghid ukoll, li meta ircieva t-termination form minghand il-JobsPlus din ma kienitx korretta ghar-raguni li kien hemm miktub fuqha li hu kien qed jahdem full-time on reduced hours u li kien hemm indikat li r-raguni tat-tmiem ta' l-impjieg tieghu kienet Rizenja : Pensjonant meta fil-fatt hu kien jahdem full-time 40 siegha fil-gimgha u ma kienx irrezenja mill-impjieg imma kienet is-socjeta ntimata li tterminat l-impjieg tieghu.**

**Huwa jkompli jghid, li dwar dan kien informa lis-Sur Attard permezz ta' email datata 8 ta' April, 2019 u s-Sur Attard wiegbu permezz ta' email datata 11 ta' April, 2019 sabiex imur l'ufficcju halli jirrangaw dan id-dokument tal-JobsPlus, imma meta mar l-ufficcju tas-Sur Attard isib li ma kienu irrangaw xejn minn dan id-dokument u ghaldaqstant huwa ma ffirmax.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehedet Theresa Swift li tahdem Customer Care mad-Dipartiment tal-Industrial and Employment Relations.**

**Fix-xhieda taghha tghid, li kienet iltaqghat mar-rikorrenti meta ir-rikorrenti mar id-Dipartiment biex jistaqsi dwar il-problema li kellu fuq ix-xoghol. Hija tghid ukoll, li mill-informazzjoni li ta' r-rikorrenti gie stabilt li hu dahal jahdem mas-socjeta intimata meta diga kien pensjonant.**

**Fix-xhieda taghha hija tghid ukoll, li kien gie spjegat lir-rikorrenti li jekk kienu se jwaqqfuh mix-xoghol ghandhu jinghata raguni u jekk se jwaqqfuh mix-xoghol minhabba nuqqas ta' xoghol huwa ntitolat ghal notice period u jekk gie mwaqqaf mix-xoghol ghal xi raguni ohra li jhoss li kienet ingusta setgha jirreferi l-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Sur Bernard Zarb li hu rapprezentat tal-Jobsplus. Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li kien tkellem mar-rikorrenti fuq it-telephone u jghid ukoll li r-rikorrenti kien gie referut lilhu minn Valentino Cachia li kien jahdem fil-Human Resources Information Unit mal-Jobsplus fejn wara li r-rikorrenti kien infurmah li r-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg giet imnizzla hazin fuq il-formoli tat-tmiem tal-impjieg tal-Jobsplus mis-socjeta intimata u liema raguni li kienet inghatat li termination reason kienet Resignation Retirement Age.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li nforma lir-rikorrenti li l-Jobsplus m'ghandhix l-awtorita li tbiddel din ir-raguni li giet moghtija mis-socjeta ntimata u ghaldaqstant ir-rikorrenti kellu jirreferi l-kaz lil National Employment Authority.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li r-rikorrenti kien infurmah li minfloku gie mpjegat haddiem iehor mas-socjeta ntimata imma meta saret l-investigazzjoni ma irrizultax li gie mpjegat haddiem iehor minfloku.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet Ms Sue Zrinzo li tahdem mas-socjeta ntimata fil-grad ta' Operations Manager fejn tghid, li r-relazzjoni tax-xoghol mar-rikorrenti kienet tajba u kienu jahdmu sew flimkien Hija tghid ukoll, li meta gie tterminat l-impjieg tar-rikorrenti hija kienet prezenti mas-Sur Attard u li tiftakar li qal lir-rikorrenti li kien se jspicca mix-xoghol u ma kellux ghalfejn jergi jigi ghax-xoghol.**

**Hija tghid ukoll, li tiftakar meta r-rikorrenti staqsa ghal liema raguni kien se jigi tterminat, is-Sur Attard qallhu li mhux ghax necessarjament kien ghamel xi haga hazina u l-kumpanija ma kienitx qed tnehhieh minhabba f'hekk imma minhabba li r-rikorrenti kien pensjonant u ma kellux ghalfejn jghatih raguni.**

**Hija tghid ukoll, li tiftakar li r-rikorrenti kien staqsa lis-Sur Attard ghalfejn mill-Couriers kollha kien se jigi tterminat hu u s-Sur Attard wiegeb li ghax hekk gie deciz.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, li kif jirrizulta mil-provi r-rikorrenti ma rrezenjax mill-impjieg imma kienet is-socjeta**

**ntimata li tterminat l-impjieg tieghu u r-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg kienet ghax pensjonant.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet t-Tribunal Industrijali jikkunsidra Kapitolu 452 artikolu 36 sub-artiklu 14 klawsola (g) it-tieni paragrafu tal-Ligijiet ta' Malta li jghid "Izda ukoll il-principal jista' jtemm l-impieg ta' impjegat meta l-impjegat jilhaq l-eta' li fiha wiehed jirtira kif imfisser fl-Att dwar is-Sigurata Socjali".**

**Meta it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan l-artiklu jinnota, li bazikament jirreferi ghal haddiema li jinsabu fl'impieg li meta jilhqu l-eta tal-pensjoni, is-sid jista jittermina l-impieg ta' l-impjegat u r-raguni li tinghata hija li l-impjegat lahaq l-eta tal-pensjoni liema raguni tkun raguni valida u skond il-Ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li fil-kaz inkwestjoni s-sitwazzjoni hija, li r-rikorrenti gie mpjegat mas-socjeta ntimata wara li lahaq l-eta tal-pensjoni u t-Tribunal Industrijali jinnota li l-Ligijiet prezenti ma jghamlu l-ebda riferenza jekk tistax tghati l-istess raguni ta' pensjonant biex jigi terminat impieg ta' haddiem li meta gie mpjegat kien diga lahaq l-eta tal-pensjoni.**

**It-Tribunal Industrijali meta ezamina l-ligi jasal ghal konkluzjoni li ma hemm l-ebda riferenza fil-ligi ghar-raguni li fil-fhema tat-Tribunal Industrijali l-Ligi tkopri wkoll u ghanda tapplika l-istess raguni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' meta haddiem jilhaq l-eta tal-pensjoni.**

**It-Tribunal Industrijali huwa ta' din il-fhema ghax jekk hija raguni valida li jigi terminat impieg ta' haddiem li lahaq l-eta tal-pensjoni daqstant iehor ghanda tkun valida r-raguni li l-impieg ta' haddiem li gie mpjegat wara li lahaq l-eta tal-pensjoni l-impieg tieghu jista jigi terminat ghar-raguni ghax pensjonant.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota, li aktar ma qed jghaddi z-zmien aktar pensjonanti qed jirritornaw fid-dinja tax-xoghol u jista jkun il-kaz li jekk ir-raguni ta' pensjonant ghat-terminazzjoni ta' mpjieg ma tkunx valida, dan jista jkollu konsegwenzi serji ghal opportunitajiet ta' impjieg ghal haddiem li diga huwa pensjonant u dan ghar-raguni, li min ihaddem se jkun kawt li jimpjega haddiema pensjonanti u dan biex jevita li jidhol f'kumplikazzjonijiet legali meta jiddeciedi li jittermina l-impieg tal-haddiem li diga hu pensjonant.**

**It-Tribunal Industrijali meta jistudja dawn l-aspetti jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li fil-kaz inkwistjoni t-terminazzjoni ta' l-impieg ghar-raguni li r-rikorrenti kien pensjonant hija raguni valida.**

**It-tieni aspett li t-Tribunal Industriali jikkunsidra huwa, li f'kaz ta' kuntratt ta' servizz indefenit dejjem fil-kaz ta' haddiem li beda jahdem wara li diga kien pensjonant ghandix it-terminazzjoni ta' l-impieg issirx hesrem jew jekk ghandux japplika artikolu 36 sub-artikolu (5) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar avviz tat-temm ta' impieg.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li peress fil-kaz ta' haddiem li jilhaq l-eta tal-pensjoni ma hemmx il-htiega ta' avviz ghat-terminazzjoni ta' l-impieg din ghanda wkoll tapplika fil-kaz ta' haddiem pensjonant li gie impjegat wara li lahaq l-eta tal-pensjoni u dan sakemm ma jkunx hemm providiment ta' avviz tat-temm ta' l-impieg fil-kuntratt ta' servizz u fin-nuqqas ta' dan il-provediment it-terminazzjoni tal-impjieg tista ssir hesrem kemm minn min ihaddem kif ukoll mill-haddiem u minghajr obbligazzjoni ta' hlasijet ghat-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xoghol ta' bejniethom.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet**

**finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti ma saritx bi ksur tal-Ligi.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u is-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**

**Harold Walls**

**Chairman**

**Data : 14.03.2023**